**Xagħrek iswed**

Xagħrek iswed kollu ħlewwa
Qalbek tħabbat b'intensità,
X'mara int, il-ħin kollu moħħok hu
Kif se tgħin lil ħaddieħor b'karità.

Eminni, lanqas naf x'ngħidlek
Għajr li niskot u noqgħod kwiet,
Minfejn iġġibha din l-enerġija
Jekk mhux b'qawwa mis-Saltna tas-Smewwiet?

Ibqa' ikkumbattilha bosta
Il-ħajja li tibqa' rigal,
Hekk kbir ghax hi d-don maħruġ minn Alla
Kemm fil-paċi u anki fil-Grigal.

U tinkwetax jekk ikollok
Tbati għax timxi fis-sewwa,
Int biss ħallieh ikellmek 'l-Missierek
Tara kollox jinbidel minn ġewwa.

Lilek għażel ghax wisq ħabbek
U jaf qalbek sa fejn tasal,
Ħallieh jurik 'il fejn irid jieħdok
Tibżax, hu waħdu se jeħilsek mill-basal.

Għax ħalef bi tjubitu
Li bik mhu jqarraq le qatt,
Għax int għalih kont u għadek bintu
Daqskemm iħobbok hu ma jħobbok ħadd.

Xagħrek iswed hu t-tifkira
Ta' dil-imħabba mingħajr tmiem,
Li għalkemm tgħaddi l-ħallel tal-ħajja
Tibqa' tarmi bil-bosta turrun sliem.

Patri Mario Attard OFM Cap
10 ta' Marzu 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.